# MISTERJU

*Ta'* Ġużi Abela

*Lis-Sur Richard Manara,*
*għalliem mill-aħjar tal-Franċiż il-Liċeo.*

X'kien isir minni kieku l-fewġa friska
filgħodu ma nħosshiex?
X'kien isir minni kieku mn'imnifsejja
il-fawra ma rroddhiex?

Għax naf tassew li għadni ħaj b'dil-għanja;
u nħoss ġo sidri n-nar:
Hemm qalb qed taqbad, tħaġġeġ qawwi, ħares,
ħiereġ minnha d-duħħan.

Għalhekk imlaħħam jien biex b'setgħet ruħi,
f'dija ta' ħsebijiet,
Immiss u nara, nisma' u nħoss ġo qalbi
ir-ritmu tal-ħolqien.

U fil-misterju tas-sbuħija, kollox
donni nifhem, waqtiet:
Nasal nitgħaxxaq bl-oħla poëżija......
u mmut qabel it-tmiem.